



## Suċċessjonijiet

### Informazzjoni nazzjonali u formoli online rigward ir-Regolament Nru 650/2012

#### Informazzjoni ġenerali

Ir-[Regolament tal-Kunsill \(UE\) Nru 650/2012](#) tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi għandu l-għan li jiffaċilita l-ittrattar tas-suċċessjonijiet internazzjonali għaċ-ċittadini.

Ir-Regolament japplika fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni tad-Danimarka, tal-Irlanda u tar-Renju Unit.

Ir-Regolament, li japplika għas-suċċessjoni ta' persuni li jmutu fis-17 ta' Awwissu 2015 jew wara, se jiżgura li suċċessjoni partikulari tiġi trattata b'mod koerenti, skont liġi unika u minn awtorità waħda, filwaqt li tippermetti wkoll li ċ-ċittadini jagħżlu l-liġi tal-pajjiż tan-nazzjonalità tagħhom sabiex tapplika għas-suċċessjoni tagħhom.

Ir-Regolament jintroduċi wkoll Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (European Certificate of Succession, ECS), li huwa dokument maħruġ mill-awtorità li tittratta s-suċċessjoni li jintuża mill-werrieta, mil-legatarji, mill-eżekutori testamentarji u mill-amministraturi tal-patrimonju li jipprova l-*istatus* tagħhom u jeżerċita d-drittijiet jew is-setgħat tagħhom fi Stati Membri oħrajn, mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda proċedura speċjali.

Fid-9 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni adottat ir- [Regolament ta' Implimentazzjoni](#) li jstabilixxi l-formoli li jridu jintużaw skont ir-Regolament dwar is-Suċċessjoni:

- [Word](#)

- [PDF](#)

Il-Portal tal-Ġustizzja Elettronika jippermetti l-possibbiltà li timtela u tinħoloq PDF tal-formula V (Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni) online [hawnhekk](#).

**Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.**

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

L-aħħar aġġornament: 11/12/2018